

(8) It-tmien motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' eżami speċifiku tat-talba fid-dawl tal-Artikolu 4(6) tar-Regolament Nru 1049/2001

Fdan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma kkunsidratx id-dritt ta' aċċess għal parti mid-dokumenti previst fl-Artikolu 4(6) tar-Regolament Nru 1049/2001, sa fejn hija sempliċement ikkunsidrat id-dokument fit-termi tal-Artikolu 4(2) ta' dan ir-regolament.

(9) Id-disa' motiv, ibbażat fuq l-eżistenza ta' interess pubbliku ikbar fl-iżvelar tad-dokument [Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001]

(<sup>1</sup>) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

### Rikors ippreżentat fit-22 ta' Diċembru 2011 — IPK International vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-671/11)

(2012/C 65/33)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Partijiet

*Rikorrenti:* IPK International — World Tourism Marketing Consultants GmbH (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Pitschas avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2011 (ENTR/R1/HHO/lisa — entr.r.1[2011]1183091) sa fejn tagħti lir-rikorrenti biss interessi fl-ammont ta' EUR 158 618,27;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-kawża.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta kisret l-Artikolu 266 TFUE sa fejn ikkalkolat b'mod żbaljat il-kumpens u l-interessi moratorji dovuti għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' April 2011 fil-Kawża T-297/05, IPK International vs Il-Kummissjoni.

### Rikors ippreżentat fid-29 ta' Diċembru 2011 — Sigla vs UASI (VIPS CLUB)

(Kawża T-673/11)

(2012/C 65/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Sigla (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: E. Armijo Chávarri, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

#### Talba

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— filwaqt li tiegħu konjizzjoni tal-preżentata tar-rikors mad-dokumenti mehmuża miegħu; tikkonstata l-introduzzjoni fit-termi u fil-forma t-tajba u dovuta r-rikors kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tas-6 ta' Ottubru 2011, fil-Każ R 641/2011-1 u, fi tmiem tal-proċeduri, tagħti sentenza li tannulla din id-deċiżjoni u tikkundanna espressament lill-UASI għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "VIPS CLUB" għal prodotti u servizzi fil-klassi 29, 30 u 43.

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni miċħuda.

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud.

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1) (b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, peress li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni ma hijiex deskrittiva u għandha karattru distintiv.

### Rikors ippreżentat fit-3 ta' Jannar 2012 — Kreyenberg vs UASI — Il-Kummissjoni (MEMBER OF € euro experts)

(Kawża T-3/12)

(2012/C 65/35)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Partijiet

*Rikorrent:* Heinrich Kreyenberg (Ratingen, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Krenzel, avukat)

*Konvenuta:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni tas-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-5 ta' Ottubru 2011 fil-Każ R 1804/2010-2, u